DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1587

tad-29 ta' Ottubru 2020

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tielet pagament parzjali għall-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 19 sa 22 tar-Regolament (UE) 2018/1877 ("ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ"), il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-10 ta' Ottubru 2020 li tispeċifika (a) l-ammont tat-tielet pagament parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2020, u (b) ammont annwali rivedut tal-kontribuzzjoni għall-2020, f'każijiet fejn l-ammont ivarja mill-bżonnijiet reali.

(2) F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) bagħat lill-Kummissjoni l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti fil-qafas tal-istrumenti taħt il-ġestjoni tiegħu,

(3) L-Artikolu 20(1) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ jipprovdi li s-sejħiet għal kontribuzzjonijiet l-ewwel jeżawrixxu l-ammonti previsti fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) preċedenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi taħt l-10ar Fond Ewropew għall-Iżvilupp ("l-10 FEŻ") għall-BEI u taħt il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) ("il-11-il FEŻ") għall-Kummissjoni.

(4) Il-Kunsill, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/1800 ([3]), li tistabbilixxi l-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ tal-Istati Membri għall-2020 għal EUR 4 400 000 000 għall-Kummissjoni, u EUR 300 000 000 għall-BEI.

(5) L-Artikoli 152 u 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([4]) jistipulaw li r-Renju Unit għandu jibqa' parti mill-FEŻ sal-għeluq tal-11-il FEŻ u tal-FEŻ kollha preċedenti mhux magħluqa. Madankollu, is-sehem tar-Renju Unit f'fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10ar FEŻ jew FEŻ preċedenti ma għandux jerġa' jintuża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal-FEŻ li jridu jitħallsu mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-BEI bħala t-tielet pagament parzjali għall-2020 huma stabbiliti fit-tabella fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1800 tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2021, l-ammont annwali għall-2020, l-ewwel ħlas parzjali għall-2020 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2022 u 2023 (ĠU L 274, 28.10.2019, p. 9).
([4]) ĠU C 384I, 12.11.2019, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

ANNESS

L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Skema ta' ridistribuzzjoni tal-10ar FEŻ f'%	Skema ta' ridistribuzzjoni tal-11-il FEŻ f'%	It-3et pagament parzjali tal-2020 (f'EUR)		Total
			Il-Kummissjoni	Il-BEI	
			Il-11-il FEŻ	L-10ar FEŻ	
IL-BELĠJU	3,53	3,24927	32 492 700,00	3 530 000,00	36 022 700,00
IL-BULGARIJA	0,14	0,21853	2 185 300,00	140 000,00	2 325 300,00
IĊ-ĊEKJA	0,51	0,79745	7 974 500,00	510 000,00	8 484 500,00
ID-DANIMARKA	2	1,98045	19 804 500,00	2 000 000,00	21 804 500,00
IL-ĠERMANJA	20,5	20,5798	205 798 000,00	20 500 000,00	226 298 000,00
L-ESTONJA	0,05	0,08635	863 500,00	50 000,00	913 500,00
L-IRLANDA	0,91	0,94006	9 400 600,00	910 000,00	10 310 600,00
IL-GREĊJA	1,47	1,50735	15 073 500,00	1 470 000,00	16 543 500,00
SPANJA	7,85	7,93248	79 324 800,00	7 850 000,00	87 174 800,00
FRANZA	19,55	17,81269	178 126 900,00	19 550 000,00	197 676 900,00
IL-KROAZJA	0	0,22518	2 251 800,00	0	2 251 800,00
L-ITALJA	12,86	12,53009	125 300 900,00	12 860 000,00	138 160 900,00
ĊIPRU	0,09	0,11162	1 116 200,00	90 000,00	1 206 200,00
IL-LATVJA	0,07	0,11612	1 161 200,00	70 000,00	1 231 200,00
IL-LITWANJA	0,12	0,18077	1 807 700,00	120 000,00	1 927 700,00
IL-LUSSEMBURGU	0,27	0,25509	2 550 900,00	270 000,00	2 820 900,00
L-UNGERIJA	0,55	0,61456	6 145 600,00	550 000,00	6 695 600,00
MALTA	0,03	0,03801	380 100,00	30 000,00	410 100,00
IN-NETHERLANDS	4,85	4,77678	47 767 800,00	4 850 000,00	52 617 800,00
L-AWSTRIJA	2,41	2,39757	23 975 700,00	2 410 000,00	26 385 700,00
IL-POLONJA	1,3	2,00734	20 073 400,00	1 300 000,00	21 373 400,00
Il-PORTUGALL	1,15	1,19679	11 967 900,00	1 150 000,00	13 117 900,00
IR-RUMANIJA	0,37	0,71815	7 181 500,00	370 000,00	7 551 500,00
IS-SLOVENJA	0,18	0,22452	2 245 200,00	180 000,00	2 425 200,00
IS-SLOVAKKJA	0,21	0,37616	3 761 600,00	210 000,00	3 971 600,00
IL-FINLANDJA	1,47	1,50909	15 090 900,00	1 470 000,00	16 560 900,00
L-IŻVEZJA	2,74	2,93911	29 391 100,00	2 740 000,00	32 131 100,00
IR-RENJU UNIT	14,82	14,67862	146 786 200,00	14 820 000,00	161 606 200,00
TOTAL UE-27 U R-RENJU UNIT	100	100	1 000 000 000,00	100 000 000,00	1 100 000 000,00